***Ruling* mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 449 tad-19 ta' April 2021 dwar talba ta' ksur ta' privileġġ imqajma miċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Is-Sedja tagħmel referenza għad-deċiżjoni li hija tat fit-8 ta' Marzu 2021 dwar każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem miċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi għan-nom tal-istess Kumitat dwar investigazzjoni li kienet għaddejja mill-Uffiċċju tal-Verifika fuq talba tal-Membri tal-Oppożizzjoni fuq il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar '*The negotiated contract awarded to St Vincent de Paul Residence to the JCL and MHC Consortium in November 2017 for the Management of four additional blocks*'.

F'dak ir-*ruling* is-Sedja, wara li rat il-korrispondenza relatata ma' dan il-każ senjatament l-ittra datata 17 ta' Frar 2021 lill-Awditur Ġenerali, u wara li qieset dan skont id-dispożizzonijiet tal-liġijiet li jirregolaw il-ħidma tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, kienet sabet lill-persuna ta' James Barbara, Managing Director ta' James Caterers Limited, *prima facie* ħati ta' ksur ta' privileġġ, u dan a tenur tal-istess artikolu ċitat taħt l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati.

Is-Sedja tixtieq tinforma lill-Kamra li l-Awditur Ġenerali għadda lis-Sedja komunikazzjoni ulterjuri datata 15 ta' April 2021 fejn l-avukat ta' James Caterers Ltd qiegħed, għan-nom tal-klijenti tiegħu, jirtira bla ebda riżerva l-kontenut tal-ittra tas-17 ta' Frar 2021 u qiegħed jaċċerta lill-avukat tal-istess Awditur Ġenerali mill-kollaborazzjoni tal-istess klijenti tiegħu fir-rigward ta' kull kjarifika li tista' tintalab mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Is-Sedja ġiet mgħoddija lilha wkoll it-tweġiba min-naħa tal-avukat tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali datata 16 ta' April 2021 lill-avukat ta' James Caterers Ltd fejn qed jiġi indikat li l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali ħa nota tal-ittra ta' James Caterers Ltd tal-15 ta' April 2021 u li qed iqis il-każ bħala magħluq.

Fid-dawl li l-Kumitat dwar il-Privileġġi dwar dan il-każ għadu ma ltaqax, wara li informat lill-Membri ta' dan il-Kumitat, is-Sedja qiegħda tieħu konjizzjoni tal-korrispondenza kollha fuq indikata u b'referenza għar-*ruling* tagħha tat-8 ta' Marzu 2021 tirrileva li ġaladarba s-Sur James Barbara, permezz tal-avukat tal-kumpanija tiegħu, irtira bla riżervi l-kontenut tal-ittra preċedenti tiegħu – u allura l-pożizzjoni li kien ħa fil-konfront tal-Awditur Ġenerali – u dan għas-sodisfazzjoni tal-istess Awditur Ġenerali, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li ma jeżistux iktar iċ-ċirkostanzi u l-elementi li jiġġustifikaw sejbien ta' każ ta' ksur ta' privileġġ.

Ir-*ruling* huwa deċiż.